Nru./No. 20,746
Prezz/Price
€4.32

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 7 ta' Diċembru, 2021
Tuesday, 7th December, 2021

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 12,845 - 12,870
Government Notices ..... *12,845 - 12,870*

Avviżi tal-Pulizija 12,870
Police Notices *12,870*

Avviżi lill-Baħħara 12,871
Notices to Mariners *12,871*

Opportunitajiet ta' Impjieg ..... 12,871 - 12,875
Employment Opportunities ..... *12,871 - 12,875*

Avviżi tal-Gvern ..... 12,875 - 12,879
Notices ..... *12,875 - 12,879*

Offerti ..... 12,879 - 12,890
Tenders ..... *12,879 - 12,890*

Avviżi tal-Qorti ..... 12,890 - 12,936
Court Notices ..... *12,890 - 12,936*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

No. 1588

ORDINANZA LI TIRREGOLA T-TIĠDID TAL-KIRI TA' BINI (KAP. 69)

Bord li Jirregola l-Kera

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-Artikolu 17 tal-Ordinanza li Tirregola t-Tiġdid tal-Kiri ta' Bini, il-President ta' Malta approva n-nomina tal-persuna hawn taħt imsemmija biex tifforma parti mil-Lista ta' Arkitetti u Inġiniera Ċivili għal skopijiet tal-Ordinanza msemmija għall-perjodu mill-10 ta' Novembru, 2021 sad-29 ta' Marzu, 2022:

Il-Perit Robert Musumeci

Is-7 ta' Diċembru, 2021
MJCL 127/2016/I

Nru. 1589

AVVIŻI LEGALI PPUBBLIKATI FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviż Legal li ġej ġie ppubblikat fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nru. 20,743 tat-30 ta' Novembru, 2021 (Avviż Legali 467).

A.L. 467 tal-2021: Att dwar il-Protezzjoni tal-Minuri (Ħarsien Alternattiv) (Kap. 602); Regolamenti tal-2021 dwar id-Dar tat-Tfal.

Is-7 ta' Diċembru, 2021

Nru. 1590

DEPUTAT SEGRETARJU EŻEKUTTIV TAL-KUNSILL LOKALI

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l- persuna msemmija hawn taħt giet appuntata Deputat Segretarju Eżekuttiv ta' dak Il-Kunsill b'seħħ mill-4 ta' Settembru, 2021:

Kunsill Lokali	*Deputat Segretarju Eżekuttiv*
Il-Fontana	Miriam Attard

Is-7 ta' Diċembru, 2021

GOVERNMENT NOTICES

No. 1588

RELETTING OF URBAN PROPERTY (CAP. 69)

Rent Regulation Board

IN exercise of the powers conferred by Article 17 of the Reletting of Urban Property (Regulation) Ordinance, the President of Malta approved the appointment of the following person to form part of the Panel of Architects and Civil Engineers for the purpose of the said Ordinance for the period from the 10th November, 2021 to the 29th March, 2022:

Perit Robert Musumeci

7th December, 2021

No. 1589

LEGAL NOTICES PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE

IT is notified for general information that the following Legal Notice was published in the Supplement to the Government Gazette No. 20,743 of 30th November, 2021 (Legal Notice 467).

L.N. 467 of 2021: Minor Protection (Alternative Care) Act (Cap. 602); Children's House Regulations, 2021.

7th December, 2021

No. 1590

LOCAL COUNCIL DEPUTY EXECUTIVE SECRETARY

IT is hereby notified for general information that the following person has been appointed Deputy Executive Secretary of that Local Council with effect from 4th September, 2021:

Local Council	*Deputy Executive Secretary*
Fontana	Miriam Attard

7th December, 2021

Nru. 1591

MINISTERU GĦALL-AMBJENT, IT-TIBDIL FIL-KLIMA U L-IPPJANAR

Noti ta' Spjegazzjoni għall-Finijiet tal-Artikolu 3(2)(ċ) tal-Att Dwar l-Intrapriżi ż-Żgħar (Kap. 512 tal-Liġijiet ta' Malta), fir-Rigward tar-Regolamenti tal-2021 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Evitar ta' Ħsara lil Proprjetà ta' Terzi Persuni (Emenda Nru 2) (ir-"Regolamenti")

Anness 1

1.0 Introduzzjoni

IR-REGOLAMENTI dwar l-Evitar ta' Ħsara lil Proprjetà ta' Terzi Persuni [L.S. 623.06] ġew introdotti permezz tal-Avviż Legali 136 tal-2019 bl-objettiv speċifiku li jiġu salvagwardjati terzi persuni kontra l-periklu matul l-attivitajiet ta' tħaffir, twaqqigħ u xogħol ta' kostruzzjoni. Dawn ir-regolamenti introduċew il-kunċett li dawn ix-xogħlijiet ma jistgħux jibdew qabel l-pubbliku ma jkollu għad-dispożizzjoni tiegħu dikjarazzjoni li tiddeskrivi l-metodoloġija dwar kif ser jipproċedu x-xogħlijiet, appoġġata minn rapport dwar il-kundizzjoni ta' proprjetajiet kontigwi, mhux b'inqas is-sidien ta' proprjetajiet li jmissu magħhom li aktar minn ħaddieħor għandhom interess li jiġu pprovduti b'din l-informazzjoni.

L-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni qed tressaq ir-Regolamenti emendatorji li permezz tagħhom, terzi persuni li jkunu sidien ta' kumpless u li jaqa' fi ħdan żona affettwata tal-iskavar (kif definit fir-regolamenti), ikunu jistgħu jitolbu ħlas mingħand l-iżviluppatur jekk ikunu jeħtieġu s-servizzi professjonali ta' perit sabiex jgħinhom fir-reviżjoni tar-rapporti dwar il-kundizzjonijiet u, jew dikjarazzjonijiet dwar il-metodu mħejjija mill-perit tal-iżviluppatur.

2.0 Sommarju u sfond

Ir-Regolamenti dwar l-Evitar ta' Ħsara lil Proprjetà ta' Terzi Persuni ġew introdotti bl-għan speċifiku li jissalvagwardjaw terzi persuni kontra l-possibbiltà ta' riskji u perikli kkawżati minn xogħlijiet ta' tħaffir, twaqqigħ u kostruzzjoni fil-qrib. Ir-Regolamenti se jsaħħu u jikkumplimentaw id-dispożizzjonijiet eżistenti li jinsabu fir-Regolamenti dwar l-Evitar ta' Ħsara lil Proprjetà ta' Terzi Persuni, biex b'hekk meta ħamsin fil-mija (50 %) jew aktar tan-numru totali ta' sidien ta' kwalunkwe kumpless li jaqa' f'żona affettwata tal-iskavar ma jaqblux mar-rapporti dwar il-kundizzjoni u, jew dikjarazzjonijiet tal-metodu mħejjija mill-perit f'isem l-iżviluppatur, huma jistgħu jagħżlu li jqabbdu perit wieħed tal-għażla tagħhom biex jirrevedi r-rapporti dwar il-kundizzjoni msemmija u, jew dikjarazzjonijiet tal-metodu ppreparati mill-perit tal-iżviluppatur u jitolbu żborż ta' mhux aktar minn ħames mitt euro (EUR 500) eskluża il-VAT, mill-iżviluppatur għal kull kumpless.

No. 1591

MINISTRY FOR THE ENVIRONMENT, CLIMATE CHANGE AND PLANNING

Explanatory Notes for the Purposes of Article 3(2)(c) of the Small Business Act (Cap. 512 of the Laws of Malta), in Relation to Avoidance of Damage to Third Party Property (Amendment No. 2) Regulations, 2021 (the "Regulations")

Annex 1

1.0 Introduction

THE Avoidance of Damage to Third Party Property Regulations [S.L. 623.06] were introduced by Legal Notice 136 of 2019 with the specific objective of safeguarding third parties against danger during excavation, demolition, and construction work activities. These regulations introduced the notion that such works may not commence before a statement outlining the methodology as to how works would proceed, supported by a condition report of adjoining properties is made available to the public, not least owners of adjacent properties who more than anyone else have an interest in being provided with this information.

The Building and Construction Authority is putting forward the amending Regulations whereby it will be possible for third parties owning a complex and falling within an excavation affected zone (as defined in the regulations), to be able to claim for disbursement from the developer should they require the professional services of a perit to assist them in the reviewing of the condition reports and, or method statements prepared by the developer's perit.

2.0 Summary and background

The Avoidance of Damage to Third Party Property Regulations were introduced with the specific aim of safeguarding third parties against the possibility of risks and dangers triggered by nearby excavation, demolition and construction works. The Regulations will strengthen and complement the existing provisions contained in The Avoidance of Damage to Third Party Property Regulations so that when fifty percent (50%) or more of the total number of owners of any one complex falling within an excavation affected zone are in disagreement with the condition reports and, or method statements prepared by the perit on behalf of the developer, they may elect to engage one perit of their choice to review the said condition reports and, or method statements that were prepared by the developer's perit and claim for disbursement up to and not exceeding five hundred euros (€500) exclusive of VAT from the developer for any one complex.

Qabel dawn l-emendi, ma kien hemm l-ebda dispożizzjoni simili li tagħti d-dritt lil terzi persuni li jagħżlu li jqabbdu perit biex jipprovdilhom assistenza teknika, li jitolbu ħlas.

3.0 Ħarsa ġenerali lejn l-istruttura tal-istrument

Ir-Regolamenti jikkonsistu f'żewġ regolamenti. L-ewwel regolament huwa introduttorju u jistabbilixxi t-titolu tar-regolamenti emendatorji; it-tieni r-regolament huwa operattiv u effettivament jemenda r-regolamenti prinċipali bl-introduzzjoni ta' subregolament ġdid (11) għar-regolament 7.

4.0 Kummentarju fuq partijiet u regolamenti

Dawn l-emendi jpoġġu lil terzi persuni f'qagħda aħjar sabiex ifittxu parir professjonali b'antiċipazzjoni ta' kwalunkwe riskji u perikli li jistgħu jinħolqu mix-xogħlijiet ta' tħaffir, twaqqigħ u kostruzzjoni antiċipati li jmissu magħhom. Dan għaliex il-ġirien li jiddeċiedu li jingħaqdu flimkien u jaqblu li jqabbdu l-istess perit jistgħu jirkupraw l-ispejjeż professjonali sa limitu ta' ħames mitt euro (€500) għal kull kumpless [regolament 11(a) u (b)].

Għall-finijiet ta' dawn l-emendi, għandu jiġi indikat li l-kelma "kumpless" tfisser "kwalunkwe proprjetà fuq livell wieħed jew aktar livelli li jaqsmu l-istess impronta jew parti minnha u li għandhom aċċess fuq triq u fejn aktar minn ħamsin fil-mija (50%) tan-numru totali tas-sidien jagħżlu li jikkummissjunaw l-istess perit biex jirrevedi r-rapporti dwar il-kundizzjoni u, jew id-dikjarazzjonijiet tal-metodu li kienu ppreparati mill-perit f'isem l-iżviluppatur". F'dawn iċ-ċirkustanzi, kull komproprjetà indiviża li jkollha aċċess indipendenti fi ħdan kumpless, titqies li hija proprjetà ta' sid wieħed għall-finijiet tal-komputazzjoni tan-numru totali ta' sidien [ir-regolament 11(f)].

Fil-fatt, se jkun l-iżviluppatur li se jkun obbligat jiddepożita garanzija bankarja lill-Awtorità ekwivalenti għal ħames mitt euro (EUR 500) mingħajr VAT, għal kull kumpless li jinsab fiż-żona affettwata, mal-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni biex jagħmel tajjeb għal kwalunkwe talba magħmula minn terzi persuni. Barra minn hekk, l-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni ma għandha tagħti l-ebda awtorizzazzjoni għal kwalunkwe xogħol sakemm is-somma relattiva ma tiġix iddepożitata kollha kemm hi [ir-regolament 11(ċ)].

Għandu jiġi ddikjarat ukoll li kwalunkwe talba magħmula mis-sidien ta' kumpless li jinsab fiż-żona affettwata tal-iskavar għandha ssir lill-iżviluppatur u tiġi nnotifikata lill-Awtorità [ir-regolament 11(d)].

Il-ħlas mill-iżviluppatur lis-sidien għandu jsir permezz ta' kopja awtentika tal-irċevuta fiskali maħruġa mill-perit maħtur biex jirrevedi r-rapporti dwar il-kundizzjoni u, jew id-dikjarazzjonijiet tal-metodu [ir-regolament 11(d)].

Fl-aħħar nett, l-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni għandha, fi żmien ġimagħtejn wara li l-perit inkarigat mill-

Prior to these amendments, there was no similar provision which entitled third parties, who opted to commission a perit to provide them with technical assistance, to claim for disbursement.

3.0 Overview of the structure of the instrument

The Regulations consist of 2 regulations. The first regulation is introductory and establishes the title of the amending regulations; the second is the operative regulation, which effectively amends the principal regulations with the introduction of new sub-regulation (11) to regulation 7.

4.0 Commentary on parts and regulations

With the advent of these amendments, third parties are better placed to seek professional guidance in anticipation of any risks and dangers that could be triggered by the anticipated excavation, demolition and construction works next door. This is because neighbours who decide to group together and agree to appoint the same perit can recover the professional expenses up to a limit of five hundred euros (€500) per complex [regulation 11(a) and (b)].

For the purposes of these amendments, it must be pointed out that the word "complex" means "any property on one or more levels sharing the same footprint or part thereof and having access onto a street and where more than fifty per cent (50%) of the total number of owners elect to commission the same perit to review the condition reports and, or method statements that were prepared by the perit on behalf of the developer". That being so, each undivided co-owned property having independent access within a complex is considered owned by one owner for the purpose of computing the total number of owners [regulation 11(f)].

Indeed, it will be the developer who will be obliged to submit a bank guarantee to the Authority equivalent to five hundred euro (€500) exclusive of VAT for each complex situated within the effected zone with the Building and Construction Authority, to make good for any claims made by third parties. Moreover, no clearance to any works shall be given by the Building and Construction Authority unless the relative sum is deposited in full [regulation 11(c)].

It must be further stated that any claim made by owners of a complex situated within the excavation affected zone shall be made to the Developer and notified to the Authority [regulation 11(d)].

Payment by the Developer to owners shall be made against an authentic copy of the fiscal receipt issued by the perit appointed to review the condition reports and, or method statements [regulation 11(d)].

Ultimately, the Building and Construction Authority shall, within two (2) weeks after the perit in charge of the project

proġett jissottometti ċertifikazzjoni li x-xogħlijiet tlestew, flimkien mal-kopja awtentika tal-irċevuti fiskali relatati mal-pagamenti magħmula mill-iżviluppatur fir-rigward tat-talbiet kollha, jirrilaxxa lura lill-iżviluppatur il-garanzija bankarja [ir-regolament 11(d)].

5.0 Sessjoni Konklużiva

Ir-Regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fi żmien xahrejn mill-pubblikazzjoni tagħhom fil-Gazzetta.

Aktar informazzjoni tista' tinkiseb minn fuq:

Freephone: 8004 9000
Email: info@bca.org.mt

N.B. Din in-Nota ta' Spjegazzjoni mhijiex maħsuba biex tkun deskrizzjoni eżawrjenti tal-istrument u lanqas sostitut tiegħu jew suppliment leġiżlattiv għall-istess. Din in-Nota mhijiex intiża bħala deċiżjoni awtorevoli dwar l-interpretazzjoni tal-leġiżlazzjoni.

Anness 2

Linji Gwida għall-Utenti

1.0 Għan u Għanijiet

Il-proċess relatat mad-drittijiet ta' terzi persuni fir-rigward tal-abbiltà tagħhom li jkollhom viżibbiltà għar-rapporti dwar il-kundizzjoni u d-dikjarazzjonijiet tal-metodu li jinkludu proġett ta' żvilupp tal-proprjetà li qed iseħħ "bieb li jmiss" diġà huwa previst fl-Avviż Legali 136 tal-2019. Din il-leġiżlazzjoni introduċiet il-kunċett li kull meta x-xogħlijiet ikunu mistennija jibdew, l-iżviluppatur huwa obbligat li jipprovdi lil terza persuna (l-eqreb ġar) viżibbiltà għall-metodoloġija dwar kif ix-xogħlijiet se jiġu eżegwiti appoġġjat minn rapport ta' kundizzjoni relattiv għat-terza persuna inkwistjoni bl-għan ewlieni, dak li terzi persuni jitħallew jirrevedu, u b'hekk tiġi salvagwardjata l-pożizzjoni tagħhom f'termini ta' riskji fil-forma ta' perikli li l-iżvilupp jista' joħloq matul l-eżekuzzjoni tal-istadji varji tal-iżvilupp inklużi l-attivitajiet ta' tħaffir, twaqqigħ u xogħol ta' kostruzzjoni.

L-emendi għar-regolamenti (permezz tal-Avviż Legali 468 tal-2021) qed itejbu aktar id-drittijiet ta' terzi persuni peress li jiffaċilitaw id-diffikultajiet relatati mar-rieżamijiet tekniċi li t-terza persuna tista' tiffaċċja fir-rigward tal-ħatra ta' perit biex twettaq tali rieżami kif ukoll il-kunċett tar-rimborż tal-ispejjeż relatati mar-rieżami tekniku. Fil-fatt, ir-regolamenti emendati jintroduċu l-proċess li terza persuna affettwata tista' taħtar perit tal-għażla tagħha filwaqt li l-ispejjeż għandhom jiġu rimborżati mill-iżviluppatur fiż-żmien stipulat. Għall-benefiċċju tal-partijiet u r-rappreżentazzjonijiet affettwati, l-emendi jipprovdu definizzjoni ta' x'jikkostitwixxi effettivament terzi persuni fil-kuntest taż-żona affettwata tal-iskav kif ukoll id-definizzjoni ta' kumpless (proprjetà) inkluż kif tiġi derivata

submits a certification that the works have been completed together with the authentic copy of the fiscal receipts related to the payments done by the Developer with respect to all claims, release back to the Developer the bank guarantee [regulation 11(d)].

5.0 Concluding Section

The Regulations shall come into force within 2 months from their publication in the Gazette.

Further information may be obtained from:

Freephone: 80049000
Email: info@bca.org.mt

N.B. This Explanatory Note is not intended to be an exhaustive description of the instrument nor a substitute thereof or a legislative supplement thereto. This Note does not purport to be an authoritative ruling on the interpretation of the legislation.

Annex 2

User Guidelines

1.0 Purpose and Objectives

The process related to third party rights with respect to their ability to have visibility to condition reports and method statements that encompass a property development project happening 'next door' is already catered for within Legal Notice 136 of 2019. This legislation introduced the notion that whenever works are due to commence, the developer is obliged to provide the third party (immediate neighbour) visibility to the methodology as to how the works would be executed supported by a condition report relative to the third party in question with the main objective, that of allowing third parties to review, hence safeguarding their position in terms of risks in the form of dangers the development may create during the execution of the various stages of the development including excavation, demolition, and construction work activities.

The amendments to the regulations (by way of Legal Notice 468 of 2021) is improving the third-party rights further as it facilitates the difficulties related to technical reviews that the third party may face when it comes to the appointment of a perit to conduct such a review as well as the notion of the reimbursement of costs relative to the technical review. In fact, the amended regulations introduce the process that an affected third party may appoint a perit of his/her choice whilst the costs shall be reimbursed by the developer within the stipulated timeline. For the benefit of affected parties and representations, the amendments provide a definition of what effectively constitutes third parties within the context of the excavated affected zone as well as the definition of a complex (property) including how the representation is derived. The

r-rappreżentazzjoni. L-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni se tiddetermina BISS il-validazzjoni u l-approvazzjoni għall-bidu tax-xogħlijiet ladarba jintlaħaq ftehim tekniku bejn il-partijiet ikkonċernati u mal-ħlas sħiħ tat-tariffi professjonali (Rimborż mill-Iżviluppatur terzi persuni affettwati).

2.0 L-Udjenza fil-Mira

Il-leġiżlazzjoni u l-emendi tagħha huma mmirati lejn il-partijiet interessati relatati ma' żvilupp ta' bini/proprjetà li jkun ingħata permess sħiħ għall-iżvilupp jew DNO ekwivalenti mill-Awtorità tal-Ippjanar. Ir-regolamenti emendati huma maħsuba biex jimmiraw kemm l-Iżviluppatur inkluż il-Professjonist Kompetenti (perit) li qed iwettaq u jeżegwixxi d-disinn u d-dettall tal-istadji tal-eżekuzzjoni tal-proġett/żvilupp kif ukoll it-terzi persuni li jaqgħu fiż-żona tat-tħaffir affettwata.

3.0 Eliġibbiltà

Ladarba proġett ta' żvilupp tal-proprjetà jingħata permess għall-iżvilupp, qabel il-bidu tax-xogħlijiet, l-Iżviluppatur huwa obbligat li jikkummissjona rapporti dwar il-kundizzjoni għall-proprjetajiet li jxekklu l-iżvilupp maħsub u dan bħala parti mill-proċess ta' notifika tal-bidu. Id-determinazzjoni tan-numru ta' rapporti dwar il-kundizzjonijiet inklużi l-proprjetajiet, toħroġ mil-leġiżlazzjoni attwali speċifikament il-formula kif indikata u definita bħala ż-żona affettwata tal-iskav.

Ir-rapport dwar il-kundizzjoni huwa l-ekwivalenti ta' stħarriġ tekniku li jsir mill-professjonist kompetenti li jkun ikkummissjonat mill-Iżviluppatur u li huwa maħsub biex jieħu stampa fil-ħin reali tal-istat tat-tiswija fir-rigward tal-proprjetajiet affettwati u għandu jinkludi wkoll kwalunkwe osservazzjoni speċifika relatata mal-karatteristiċi strutturali tal-proprjetà u kwalunkwe osservazzjoni oħra relatata.

L-Iżviluppatur huwa obbligat li jittrażmetti u jibgħat kopja tar-rapport dwar il-kundizzjoni lis-sidien tal-proprjetà li kienu jiġu ddeterminati bħala li jaqgħu fiż-żona affettwata tal-iskav għar-reviżjoni u l-aċċettazzjoni tagħhom jew mod ieħor. Ir-rapporti dwar il-kundizzjonijiet mhumiex meħtieġa li sempliċement jirreġistraw l-istat tat-tiswija tal-proprjetajiet speċifiċi iżda huma maħsuba biex iservu bħala għodda importanti għall-Iżviluppatur u l-Professjonist Kompetenti tiegħu li flimkien huma responsabbli għad-Disinn u d-Dettaljar tal-Iżvilupp maħsub peress li dawn ir-rapporti għandhom jipprovdu għarfien għall-karatteristiċi strutturali u relattivi li jista' jkollhom impatt fuq id-disinn maħsub u ppjanat tal-Iżvilupp fil-kuntest ta' prattiki ta' ħidma sikuri inklużi l-kwistjonijiet ta' stabbiltà strutturali u ta' sikurezza, u b'hekk kwalunkwe prekawzjoni jew miżura ta' mitigazzjoni li għandha tittieħed mill-Iżviluppatur u l-Professjonist Kompetenti fid-disinji strutturali u relattivi biex jiġu salvagwardjati kemm il-proprjetajiet li jaqgħu fiż-żona affettwata tal-iskav kif ukoll l-Iżvilupp innifsu. Approċċ imtejjeb għall-valutazzjoni tar-riskju li għandu jimminimizza s-suppożizzjonijiet.

Building and Construction Authority will ONLY determine validation and clearance to commencement of works once technical agreement is reached between the concerned parties and upon full settlement of professional fees (reimbursement Developer to affected third parties).

2.0 Target Audience

The legislation and amendments thereof target the stakeholders relative to a building/property development that has been granted a full development permit or equivalent DNO by the Planning Authority. The amended regulations are intended to target both the Developer including the Competent Professional (perit) who is performing and executing the design and detail of the execution stages of the project/development as well as the third parties that fall within the affected excavation area.

3.0 Eligibility

Once a property development project is granted a development permit, prior to the commencement of the works, the Developer is obliged to commission condition reports to the properties abutting the intended development and this as part of the commencement notification process. The determination of the number of condition reports including properties, stems out from the current legislation specifically the formula as indicated and defined as the excavated affected zone.

The condition report is the equivalent of a technical survey that is conducted by the competent professional that is commissioned by the Developer and is intended to take a real time snapshot of the state of repair relative to the affected properties and shall also include any specific observations relative to the property's structural characteristics and any other related observations.

The Developer is obliged to transmit and forward a copy of the condition report to the property owners that would have been determined as falling within the excavated affected zone for their review and acceptance or otherwise. The condition reports are not required to simply record the state of repair of the specific properties but are intended to serve as a an important tool to the Developer and his Competent Professional who together are responsible for the Design and Detailing of the intended Development given that these reports shall provide insight to structural and relative characteristics that may impact the Development's intended and planned design within the context of safe working practices including structural stability and safety issues, hence any precautions or mitigation measures to be taken by the Developer and the Competent Professional within the structural and relative designs to safeguard both the properties that fall within the excavated affected zone and the Development itself. An enhanced risk assessment approach that should minimize assumptions.

Minbarra r-rapporti dwar il-kundizzjonijiet, l-Iżviluppatur huwa obbligat ukoll li jħejji u jibgħat lis-sidien tal-proprjetà li kienu jiġu ddeterminati bħala li jaqgħu fiż-żona affettwata tal-iskav, kopja tad-dikjarazzjoni dettaljata tal-metodu li tirrifletti x-xogħlijiet kif ippjanati u previsti li jiġu eżegwiti fid-diversi stadji taċ-ċiklu tal-kostruzzjoni. Id-dikjarazzjonijiet tal-metodu għandhom iqisu kwalunkwe miżura ta' mitigazzjoni kif antiċipata biex tissalvagwardja s-sikurezza tal-proprjetajiet kif iddeterminati li jaqgħu fi ħdan iż-żona affettwata tal-iskav. Dawn għandhom jinkludu interventi speċifiċi għall-karatteristiċi li kienu joħorġu mir-rapporti dwar il-kundizzjoni.

It-terza/i persuna/i (dawk iddeterminati li jaqgħu fiż-żona affettwata tal-iskav), għalhekk ikollhom id-dritt li jaraw, jirrevedu, jaċċettaw jew jissottomettu tħassib tekniku jew oġġezzjoni teknika ekwivalenti għar-rapporti oriġinali fiż-żmien stipulat. Għalhekk, l-Iżviluppatur jikkunsidra u jirrevedi kwalunkwe tħassib tekniku/oġġezzjoni mqajma u jkun jista' jindirizza, jimmitiga, u jirrevedi r-rapporti oriġinali li jindirizzaw it-tħassib tekniku kif xieraq. Ir-rapporti riveduti jkunu riveduti mit-terza persuna u soġġetti għal qbil. Ladarba jkun hemm qbil fuq raġunijiet tekniċi, l-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni għandha tikkunsidra li tipproċessa l-awtorizzazzjonijiet meħtieġa kif xieraq.

4.0 X'bidliet (mill-AL ta' qabel)?

Id-drittijiet ta' partijiet terzi għall-viżibilità u r-reviżjoni kemm tar-rapporti tal-kundizzjonijiet kif ukoll tad-dikjarazzjonijiet tal-metodi dwar żvilupp li effettivament qed jiġi propost li jiġi eżegwit u liema żvilupp jista' jkollu impatt fuq il-proprjetà tagħhom qed jissaħħu billi jgħollu l-proċess ta' valutazzjoni tar-riskju minn sigurtà u l-kuntest ta' stabbiltà strutturali u dan b'mod imtejjeb.

It-terza persuna hija pprovduta bl-opportunità li tikkummissjona perit professjonali tal-għażla tagħha biex tassisti fir-reviżjonijiet tekniċi u tingħata wkoll l-opportunità li l-miżati professjonali biex ikopru r-reviżjonijiet tekniċi jiġu rimborżati mill-Iżviluppatur li jkun jisponsorja l-iżvilupp speċifiku.

L-emendi jikkwalifikaw aktar id-determinazzjoni tat-terzi persuni interessati permezz tal-amplifikazzjoni tal-formula eżistenti, dik taż-'żona affettwata tal-iskav'. Fil-fatt, proprjetajiet li jaqgħu fiż-żona affettwata huma kkwalifikati bħala 'kumpless' u għalhekk is-sjieda hija rappreżentattiva. Fil-fatt, kumpless ġie definit bħala kwalunkwe proprjetà fuq livell wieħed jew aktar li jaqsmu l-istess impronta jew parti minnha u li għandha aċċess għal triq.

Ir-rappreżentanti tal-kumpless (50% tan-numru totali ta' sidien) għandhom l-opportunità li jikkummissjonaw l-istess perit biex jirrevedi r-rapporti tal-kundizzjoni u, jew id-dikjarazzjonijiet tal-metodu li ġew ippreparati mill-perit f'isem l-Iżviluppatur. F'każijiet fejn proprjetà ko-proprjetarja indiviża jkollha aċċess indipendenti fi ħdan kumpless, din

In addition to the condition reports, the Developer is also obliged to prepare and forward to the property owners that would have been determined as falling within the excavated affected zone, a copy of the detailed method statement that reflect the works as being planned and envisaged to be executed at the various stages of the construction cycle. The method statements should take into consideration any mitigation measures as anticipated to safeguard the safety of the properties as determined falling within the excavation affected zone. These should include specific interventions to the characteristics that would have emanated from the condition reports.

The third party/parties (those determined to fall within the excavation affected zone), would therefore have the right to view, review, accept or submit a technical concern or equivalent technical objection to the original reports within the stipulated time frame. Therefore, the Developer would consider and review any technical concerns/objections raised and be able to address, mitigate, review and revise the original reports addressing the technical concerns accordingly. The revised reports would be reviewed by the third party and subject to agreement. Once there is agreement on technical grounds, the Building and Construction Authority shall consider processing the necessary clearances accordingly.

4.0 What changes (from the earlier LN)?

The third-party rights to the visibility and review of both the condition reports and method statements concerning a development that is effectively being proposed to be executed and which development may impact their property is being enhanced by way of elevating the risk assessment process from a safety and structural stability context and this in an improved manner.

The third party is provided with the opportunity to commission a professional 'perit' of his or her choice to assist in the technical reviews and is also provided with the opportunity that the professional fees to cover the technical reviews will be reimbursed by the Developer that is sponsoring the specific development.

The amendments qualify further the determination of the interested third parties through the amplification of the existing formula, that of the 'excavation affected zone'. In fact, properties that fall within the affected zone are qualified as a 'complex' and ownership is therefore representative. In fact, a complex has been defined as any property on one or more levels sharing the same footprint or part thereof and having access onto a street.

The representatives of the complex (50% of the total number of owners) have the opportunity to commission the same perit to review the condition reports and, or method statements that were prepared by the perit on behalf of the developer. In cases were an un-dividedly co-owned property has independent access within a complex, this shall be

għandha titqies li hija proprjetà ta' sid wieħed għall-iskop li jiġi kkalkulat in-numru totali ta' sidien f'termini ta' kumpless.

Proċedura (kif taħdem):

a. Bħala parti mill-proċess ta' notifika tal-bidu, l-Iżviluppatur se jittrażmetti kopji tar-rapporti tal-kundizzjoni u d-dikjarazzjoni tal-metodu lis-sidien tal-proprjetajiet li jaqgħu fiż-żona affettwata tal-iskav.

b. Is-sidien tal-proprjetajiet (kumpless) għandhom jikkummissjonaw perit tal-għażla tagħhom biex jirrevedu r-rapporti dwar il-kundizzjoni u d-dikjarazzjonijiet tal-metodu u għalhekk ikollhom l-opportunità li jikkummentaw jew iressqu kwalunkwe tħassib relatat ma' kwistjonijiet tekniċi fil-perjodu msemmi.

c. L-Iżviluppatur għandu l-opportunità li jikkunsidra l-kummenti u t-tħassib li joħroġ minn tali rieżami, jieħu l-azzjonijiet meħtieġa fil-forma ta' aġġustamenti u jew reviżjoni sabiex jindirizza u jimmitiga l-kwistjonijiet jew it-tħassib imqajjem.

d. Ladarba jkun hemm eżitu, l-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni tipproċedi bid-determinazzjoni dwar jekk l-awtorizzazzjoni biex jinbdew ix-xogħlijiet tkunx approvata jew le.

e. Wara determinazzjoni kemm it-terzi persuni kif ukoll l-Iżviluppatur għandhom dejjem ikollhom id-dritt ta' appell jekk kwalunkwe parti ma taqbilx mad-deċiżjoni meħuda mill-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni.

Pagamenti u Sigurtà tal-Prestazzjoni:

a. Id-determinazzjoni tan-numru ta' kumplessi għandha tinħadem skont il-formula relattiva għaż-żona affettwata tal-iskav.

b. L-Iżviluppatur għandu jiddepożita mal-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni garanzija bankarja ekwivalenti għal euro (EUR 500) mingħajr VAT għal kull kumpless li jinsab fiż-żona affettwata tal-iskav li d-depożitu tiegħu huwa forma ta' garanzija biex jagħmel tajjeb għal kwalunkwe pretensjoni magħmula.

c. Talbiet għar-rimborż tal-miżati professjonali magħmula minn sid ta' kumpless li jinsab fiż-żona affettwata tal-iskav għandhom isiru lill-Iżviluppatur li jinnotifika lill-Awtorità.

d. Ħlas mill-Iżviluppatur għandu jsir kontra kopja awtentika tal-irċevuta fiskali maħruġa mill-Perit maħtur biex jirrevedi r-rapporti tal-kundizzjoni u, jew dikjarazzjonijiet tal-metodu.

e. L-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni għandha, fi żmien ġimagħtejn (żewġ) ġimgħat, wara li l-Perit inkarigat mill-proġett jissottometti ċertifikazzjoni li x-xogħlijiet tlestew

considered to be owned by one owner for the purpose of computing the total number of owners in terms of a complex.

Procedure (how does it work):

a. As part of the commencement notification process, the Developer will transmit copies of the condition reports and method statement to the owners of properties that fall within the excavated affected zone.

b. The owners of the properties (complex) shall commission a perit of their choice to review the condition reports and method statements and therefore have the opportunity to comment or put forward any concerns related to technical matters within the termed period.

c. The Developer has the opportunity to consider the comments and concerns emanating from such review, take the necessary actions in the form of adjustments and or revision in order to address and mitigate the issues or concerns raised.

d. Once there is an outcome, the Building and Construction Authority would proceed with the determination on whether clearance to commence works is endorsed or not.

e. Upon determination both the Third Parties and the Developer shall always have the right of appeal should any party not agree to the decision taken by the Building and Construction Authority.

Payments and Performance Security:

a. The determination of the number of complexes is to be worked in line with the formula relative to the excavation affected zone.

b. The developer shall deposit at the Building and Construction Authority a bank guarantee equivalent to euros (€500) exclusive of VAT for each complex situated within the excavation affected zone which deposit is a form of guarantee to make good for any claims made.

c. Claims for the reimbursement of the professional fees made by an owner of a complex situated within the excavation affected zone shall be made to the Developer notifying the Authority.

d. Payment by the Developer shall be made against an authentic copy of the fiscal receipt issued by the Perit appointed to review the condition reports and, or method statements.

e. The Building and Construction Authority shall, within two (2) weeks, after the perit in charge of the project submits a certification that the works have been completed together with

flimkien mal-kopja awtentika tad-dħul fiskali relatat mal-ħlasijiet magħmula mill-Iżviluppatur fir-rigward tal-pretensjonijiet kollha, tirrilaxxa lura lill-Iżviluppatur il-garanzija bankarja miġbura kif xieraq.

5.0 Rwol tar-Regolatur (Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni)

L-intervent tal- Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni f'dan il-proċess għandu jkun limitat għal dak tal-amministrazzjoni fir-rigward tal-proċess ta' approvazzjoni, faċilitatur u medjatur jekk jirriżulta nuqqas ta' qbil kif xieraq. Ir-responsabbiltà teknika għax-xogħlijiet previsti għandha dejjem tkun tal-Iżviluppatur u l-Perit rispettiv li jirrappreżenta lill-Iżviluppatur.

F'każ ta' nuqqas ta' qbil u jew oġġezzjoni, l-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni għandha tiffaċilita kwalunkwe diskussjoni teknika inkluża l-medjazzjoni kif jitqies xieraq. Jekk iċ-ċirkostanzi xorta jwasslu għal nuqqas ta' qbil li jmur lil hinn mill-kuntest tekniku, l-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni għandha tiddetermina l-approvazzjoni jew le jekk ma tkunx ibbażata fuq raġunijiet tekniċi. It-terza persuna u jew l-Iżviluppatur xorta jistgħu jagħmlu użu minn proċess ta' appell fil-kuntest tal-proċeduri tat-Tribunal.

6.0 Komunikazzjonijiet u Kuntatti

Il-proċess relatat man-notifika tal-bidu huwa diġà pprovdut fi ħdan il-mezz ta' komunikazzjoni formali attwali, jiġifieri permezz tas-sistema ta' pproċessar eapps PA-BCA.

Il-Pubbliku Ġenerali, l-Iżviluppaturi u l-Professjonisti huma liberi li jistaqsu dwar kwalunkwe assistenza u aktar dettalji jew gwida billi jikkuntattjaw lill-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni permezz tas-servizz ta' kura tal-klijenti tagħhom jew permezz tal-posta elettronika skont dan. Id-dettalji ta' kuntatt huma pprovduti kif ġej:

Freephone: 80049000
Email: info@bca.org.mt

Alternattivament, one to one walk in type enquiries jistgħu jiġu kkunsidrati.

Sigħat: Mis-6.30 a.m sat-3.00 p.m.

Indirizz: Building and Construction Authority, Horn Works Ditch, Triq Emvin Cremona, Il-Furjana.

Dikjarazzjoni ta' ċaħda ta' responsabbiltà: In-noti tal-Linja Gwida għall-Utent mhumiex maħsuba biex ikunu verżjoni oħra tal-leġiżlazzjoni iżda huma maħsuba biex jagħmlu l-kontenut aċċessibbli għal dawk li jkollhom diffikultà biex jifhmu t-termini legali u li ma jafux wisq dwar is-settur li qed jiġi rregolat.

Is-7 ta' Diċembru, 2021

the authentic copy of the fiscal receipts related to the payments done by the Developer with respect to all claims, release back to the Developer the bank guarantee raised accordingly.

5.0 Role of the Regulator (Building and Construction Authority)

BCA's intervention within this process shall be limited to that of the administration relative to the clearance process, a facilitator and mediator should a disagreement result accordingly. The technical responsibility to the envisaged works shall always lay with the Developer and the respective perit representing the Developer.

In case of disagreement and or objection, the BCA shall facilitate any technical discussions including mediation as deemed appropriate. Should the circumstances still lead to disagreement that go beyond technical context, BCA is to determine the clearance or not based on technical grounds. The third party and or Developer may still avail themselves to an appeal process within the context of the Tribunal procedures.

6.0 Communications and Contacts

The process related to the commencement notification is already provided within the current formal communication channel i.e., through eapps PA-BCA processing system.

General Public, Developers and Professionals are free to enquire on any assistance and further details or guidance by either contacting the Building and Construction Authority through their customer care service or e-mail accordingly. Contact details are provided as follows:

Freephone: 80049000
Email: info@bca.org.mt

Alternatively, one to one walk in type enquires maybe considered.

Hours: 6.30 a.m to 3.00 p.m.

Address: Building and Construction Authority, Horn Works Ditch, Triq Emvin Cremona, Floriana.

Disclaimer: The User Guideline notes are not intended to be another version of the legislation but is meant to make the content accessible to those who would have difficulty understanding the legal terms and who do not know much about the sector being regulated.

7th December, 2021

Nru. 1592

MINISTERU GĦALL-FINANZI U X-XOGĦOL

Għotja mill-Gvern għall-Installazzjoni ta' Bicycle Racks/Faċilitajiet Anċillari f'Lokalitajiet jew f'Bini ta' Intrapriżi

BIEX il-Gvern jinċentiva l-użu ta' mezzi ta' transport li ma jħammġux, filwaqt li jinċentiva l-eżerċizzju fiżiku u stil ta' ħajja aktar b'saħħitha, il-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol qed jalloka fondi fejn kunsilli lokali, u intrapriżi huma mħeġġa biex joħorġu bi pjan biex jippromwovu l-użu tar-roti bħala mezz ta' trasport fil-lokalitajiet jew bħala mezz ta' trasport lejn u lil hinn mill-post tax-xogħol.

Għal dan il-għan, il-Ministeru tal-Finanzi u x-Xogħol waqqaf fond biex ikopri n-nefqa mġarrba mill-kunsilli lokali jew intrapriżi biex jinstallaw bicycle racks u faċilitajiet anċillari.

Il-kunsilli lokali u intrapriżi jistgħu japplikaw għal fondi billi jissottomettu l-formola ta' applikazzjoni wara li jkunu kkonsultaw il-linji gwida applikabbli li huma aċċessibbli fuq (www.finance.gov.mt).

1. Tifsir

F'din l-iskema, kemm il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xorta oħra:

'applikant' tfisser il-persuna li japplika għall-għotja taħt din l-iskema f'isem il-kunsill lokali jew intrapriża reġistrata li tkun qiegħda tapplika għall-għotja taħt din l-iskema;

'applikazzjoni' tfisser l-applikazzjoni li ssir għall-għotja taħt din l-iskema;

'linji gwida' tfisser dokument ta' gwida li jipprovdi l-ispeċifikazzjoni applikabbli u struzzjonijiet għall-installazzjoni u x-xiri ta' bicycle racks. Dawn il-linji gwida huma aċċessibbli fuq www.finance.gov.mt.

'kunsill lokali' tfisser kunsill lokali stabbilit taħt l-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap 363 tal-Liġijiet ta' Malta) u hekk kif indikat fit-Tieni Skeda annessa ma' l-Att;

'intrapriża reġistrata' tfisser entita' legali li għanda d-dritt li tmexxi n-negozju tagħha waħidha, per eżempju

No. 1592

MINISTRY FOR FINANCE AND EMPLOYMENT

Government Grant on the Installation of Bicycle Racks/Ancillary Facilities in Localities or within Enterprises' Premises

IN ORDER to incentivise the use of alternative green means of transport while, at the same time, encouraging physical exercise and a healthier lifestyle, the Minister for Finance and Employment is allocating funds whereby local councils and enterprises are encouraged to come up with a plan to promote the use of bicycles as a means of transportation within localities and to and from the workplace.

To this end, the Ministry for Finance and Employment has set up a fund to cover the expenditure incurred by local councils and enterprises to install bicycle racks and ancillary facilities.

Local councils and enterprises can apply for funds by submitting the application form after having consulted the applicable guidelines that are accessible on (www.finance.gov.mt).

1. Interpretation

In this scheme, unless the context otherwise requires:

'applicant' means the person applying for the grant under this scheme on behalf of the local council or the registered enterprise applying for the grant under this scheme;

'application' means the application made for a grant under this scheme;

'guidelines' means guidance documents that provide the applicable specifications and instructions for installation and purchasing of bicycle racks. These guidelines are accessible at www.finance.gov.mt;

'local council' means a local council established under the Local Councils Act (Cap 363 of the laws of Malta) and as designated in the Second Schedule annexed to this Act;

'registered enterprise' means a legal entity possessing the right to conduct business on its own, for example to enter

li tidħol f'kuntratti, ikollha propjeta' tagħha, tidħol f'obligazzjonijiet u tistabilixxi kontijiet bankarji. Intrapriża tista' tkun korporazzjoni, kważi korporazzjoni, istituzzjoni li ma tagħmilx profitt, jew intrapriża mhux inkorporata. L-Intrapriża trid tkun reġistrata mal-awtoritajiet kompetenti;

'data effettiva' tfisser l-1 ta' Jannar, 2022;

'irċevuta fiskali' tfisser riċevuta kif imfissra fit-Tlettax-il Skeda ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Kap 406), kif sussegwentament emendat, u tinkludi kull regolament magħmul taħt l-istess Att;

'bicycle racks' tfisser faċilitajiet għal parkeġġ tar-roti għal tul ta' żmien qasir jew twil, hekk kif stipulat fil-linji gwida li huma maħsuba bħala struzzjonijiet għax-xiri u l-installazzjoni ta' bicycle racks u faċilitajiet anċillari;

'faċilitajiet anċillari' tfisser tagħmir, bini, strutturi u titjib li jespandu l-kumditàu s-sigurtà meħtieġa biex isostnu l-użu tar-rota bħala mezz ta' trasport;

'nefqa kapitali' tfisser nefqa relatata max-xiri u l-installazzjoni ta' bicycle racks u faċilitajiet anċillari;

'Malta' tfisser il-gżejjer Maltin;

'Ministru' tfisser il-Ministru reponsabbli għall-Finanzi u x-Xogħol;

'negozji' tfisser kull kumpanija kummerċjali, kompriżi soċjetajiet bi sħubija, reġistrata f'Malta mal-Malta Business Registry;

'persuna residenti f'Malta' tfisser persuna fiżika li jkollha dokument ta' identifikazzjoni legalment validu maħruġ skont l-Att dwar il-Karta tal-Identità u Dokumenti oħra tal-Identità (Kap 258) jew li jkollha permess ta' residenza jew ittra maħruġa mill-uffiċċju tal-espatrijazzjoni fil-Ministeru responsabbli għall-Affarijiet Barranin u Ewropej;

'Stat Membru' tfisser Stat Membru tal-Unjoni Ewropea;

'Unjoni Ewropea' għandha l-istess tifsira mogħtija lilha fl-artikolu 2 tal-Att dwar l-Unjoni Ewropea (Kap 460), u tinkludi n-Norveġja, l-Islanda u Liechtenstein;

'valur tax-xiri' tfisser il-valur aħħari tax-xiri tal-apparat komplut, inkluż il-VAT, u liema valur tal-apparat ikun tħallas kollu mill-applikant qabel japplika għar-rimborż.

into contracts, own property, incur liabilities and establish bank accounts. An enterprise may be a corporation, a quasi-corporation, a non-profit institution, or an unincorporated enterprise. The enterprise has to be registered with the competent authority;

'effective date' means the 1st January, 2022;

'fiscal receipt' means a receipt as defined in the Thirteenth Schedule to the Value Added Tax (Cap 406), as subsequently amended, and also includes any regulation made by the same Act;

'bicycle racks' means facilities for short-term or long term bicycle parking as defined in the guidelines that are intended as instructions for purchase and installation of bicycle racks and ancillary facilities;

'ancillary facilities' means equipment, buildings, structures and improvements that expand the comfort and safety necessary to support the use of a bicycle as a means of transportation;

'capital expenditure' means expenditure related to the purchase and installation of bicycle racks and ancillary facilities,

'Malta' means the islands of Malta;

'Minister' means the Minister responsible for Finance and Employment;

'businesses' means any commercial company including partnerships registered in Malta with the Malta Business Registry;

'person residing in Malta' means a natural person who either holds a legally valid identification document issued in terms of the Identity Card and other Identity Documents Act (Cap 258) or who has a residence permit or a letter issued from the expatriate office at the Ministry responsible for Foreign and European Affairs;

'Member State' means a Member State of the European Union;

'European Union' has the same meaning as is assigned to it by article 2 of the European Union Act (Cap 460), and includes Norway, Iceland and Liechtenstein;

'purchase price' means the total purchase price of the complete equipment including VAT and which purchase price has been paid in full by the applicant prior to applying for reimbursement.

2. Applikabilità

